Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAL-HDAX-IL LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 21 ta' Novembru 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 9.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Il-laqgha giet sospiza sabiex titkellem id-Dott. Roberta Lepre minn Victim Support Malta. Hi qalet li din l-organizazzjoni tiehu hsieb vittmi tal-kriminalita' permezz ta' diskussjoni ma' min garrab fuq kwestjonijiet legai, b'mod kunfidenzjali imma mhux ufficcjali.

Qalet li qed issir PR mal-Kampanja tal-Istrina u qed iduru l-Kunsilli sabiex titqanqal kuxjenza fuq dawn l-abbuzi permezz ta' *talks*, jew artikli fil-fuljetti.

Is-Sur Cordina qal li bhal ma saru laqghat t'informazzjoni mas-sezzjoni tal-Pulizija kontra l-frodi jistghu isiru dawn il-laqghat ukoll. Tista' ssir xi haga wkoll waqt l-attivitajiet tal-anzjani 60+.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**
Approvati.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 Petizzjoni minn xi residenti fi Triq il-Mosta u Triq il-Pjazetta rigward ftuh ta' kanal mill-gdid li jilqa' l-ilma fi Triq il-Mosta. Is-Sur Borg qal li l-iskop ta' dan il-kanal hu li jilqa' l-ilmijiet tax-xita, jigi evitat l-iffladjar u ma jinheliex. Ghandu jigi ccekkjat jekk dan il-kanal hux mirdum, minhabba li kien inghalaq zmien ilu u kemm tigi l-ispiza biex jinfetah qabel ma jsiru xi xogholijiet anka minhabba li din it-triq mhix minsusa u ma kien hemm l-ebda rapporti t' gharghar mill-2001 kemm ilu s-Sur Cordina fil-Kunsill, tenna l-istess Sur Cordina.

🗁 E-mail minghand id-Dipartiment tat-Toroq rigward ix-*Shooting Range* ta' Triq Hannibal fejn il-Kunsill gie nfurmat li dan jinsab mikri.

🗁 E-mail minghand Wasteserv Ltd. rigward is-sistema re-use. Ghandu jigi cdcekjat kif tahdem u kif il-Kunsill jista' jibbenefika minnha biex jigu frankati flus mill-*Bulky Refuse*.

🗁 E-mail minghand is-Sinjura Simone Camilleri rigward MC box flok parking bay minhabba li hi sostniet li din hadet post karozza zghira. Il-Kunsill ihaddan dak li Transport Malta tenfasizza li bays inqas mill-qies standard ghandhom isiru MC Bays. Ghaldaqstant din il-bay ghandha tibqa' kif inhi.

🗁 Kwestjonarju fuq is-sevizz tal-Arriva. Dan ghandu jigi rrispondut a bazi li s-servizz fuq ir-rotot 51,52, u 53 hu eccellenti imma li l-54 ddum hafna f'granet ta' festi u hdud, tenna s-Sur Zammit u l-106 hemm bzonn qal is-Sur Cassar li trid tghaddi minn postijiet li

jkun hemm in-nies u mhux minn fejn m'hemm hadd. Qal ukoll filwaqt li produca kopja ta' estratt ta' gazzetta fejn jintqal li Londra helset mill-Bendibuses u miskina Malta belghathom.

Mozzjoni Librerija – Giet prezentata mozzjoni rigward l-ispiza fuq Libreriji Pubblici fejn il-Kunsill intrabat li jixtri bi €300 kotba u jinghata €300 ghal xiri ta' iktar kotba. Mozzjoni ghaddiet unanimament.

**3. SKEMA GBIR TA' SKART - DISKUSSJONI**

Is-Sur Cordina beda billi gab ezempju u qal kif ha tistabbilixxi l-pizijiet tal-hwienet kbar ma' dawk zghar u x'ghandu jithallas. Is-Sur Spiteri qal la sistema tal-Wasteserv qeghda li jkun kemm ikun il-piz xorta l-kunsill jehel ta' 252 tunnellata cioe' €5933 ghalhekk ghandu jibqa' kollox kif inhu biss ghandu jigi enfasizzat li s-sistema ghandha tkun dik spjegata fuq il-kalendarju u d-decizjoni tigi riveduta wara sena. Is-Sur Cassar qal li ghandha ssir addendum mal-kuntratt ta' gbir ta' skart li kif isir tibdil fis-sistema ta' *billing* din ghandha tinbidel minnufih. Is-Sur G. Borg enfasizza li skart gol-kaxxi tal-kartun m'ghandux jinhareg u jithalla hemm, imma s-Sur Cordina qal li hadd mhu iblah u jekk dan jibda jintefa' f'irkejjen, sparpaljat ta' kullimkien accettabli li jithalla hemm. Gie efasizzat li ghandha titkompla l-iskema t'edukar tan-nies permezz ta' karti fil-letterboxes, jerga' jigi ordnat il-kalendarju u li n-nies jigu edukati u mhux immultati irribatta s-Sur Spiteri. Is-Sur Bartolo qal li li ghandu inghata cans sal-ahhar tax-xahar u wara ma jibqax jingabar skart li jinhareg mhux fil-gurnata tieghu.

**4. TENDER KNIS TA' TOROQ U BANKINI**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li waslet biex taghlaq it-tender tal-Knis tat-toroq u xtaqet li jigi emfasizzat kif ha tkun l-idkeda biex wara ma jkunx hemm dizgwidi. Is-Sur Cordina emfasizza li ghadhom jinkinsu l-bankini. Hu qal li l-knis immiljora hafna u s-servizz qieghed kif suppost. Is-Sur Gerald Borg qal li t-toroq ghandhom jigu miknusa kull hmistax. Is-Sur Cassar qal li toroq bhal Triq il-Frawli ok kull hmistax imma ohrajn le. Gie stabbilit li t-toroq kollha ghandhom jinkinsu darba fil-gimgha bl-eccezzjoni li certi toroq iridu jsiru darbtejn minhabba l-akkumular ta' skart u skond l-irjieh ukoll. Is-Sur Borg qal li ghandha tizdied klawzola fejn jinghad li ghandu jintuza l-makkinarju bhal blowers, vacuums etc. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill it-tindif jinteressah u mhux kif jew li tobbligah jixtri makkinarju. Is-Sur Bartolo xtaq ukoll li fit-tender jigi nkluz il-knis ta' ranep ta' garaxxijiet mhux uzati.

**5. APPLIKAZZJONI SKEMA ATTIVITAJIET 2013**

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsill li ntefghet l-applikazzjoni ghal Jum H'Attard 2013 u li ghal kuncerti giet infurmata li ma jinghatawx fondi.

**6. ATTIVITAJIET MILIED *UPDATE***

Ix-xoghol konness mal-Bazaar kien miexi b'ritmu tajjeb u kienu qed jingaberu affarijiet mhux hazin. Il-Kappillan ma qabilx mal-uzu tal-Knisja sabiex isir il-Kuncert apparti li l-organista kellha l-orgni bil-hsara u problema b'xi dati. Ghaldaqstant dan tal-ahhar ma giex konfermat. Ix-xiri tal-*Xmas Tree* gie approvata bil-kwotazzjoni tal-irhas wahda dik ta' €400. Din ghandha titpogga fil-Pjazza u jitkomplew id-dekorazzjonijiet tal-qalba tar-rahal hdejn il-Bank of Valletta.

**7. TENDER QASAM TAL-BINI TAL-GVERN.**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-unika t-tender li ntefghet u giet miftuha kienet dik ta' Philip Agius and Sons ghall-prezz ta' €122476.10. Minhabba li l-ispiza kienet ghola mill-iskema gie deciz li €75000 jinghataw ma' tmiem ix-xoghol u l-kumplament jinqasmu fuq sentejn u li l-kuntrattur ghandu jigi nfurmat b'dan u jekk jaccettax li dan isir.

**8. PUNTI MQAJJMA**:

Gie prezentat rapport kif mitlub fuq il-punti mqajjma tax-xahar ta' qabel u x'sar fuqhom. Is-Sur Bonnici halla l-kamra f'dan il-waqt u qal li l-ghada ha jghaddi l-lista tieghu fuq xio xoghollijiet.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-Sinjorina Yanica Calleja tittella fil-massimu tal-iskala 11 u dan biex tiehu l-inkarigi kollha ta' back office u tkun tikkoordina anka lmas-Segretarju Ezekuttive biex fin-nuqqas tas-Segretarju ikun hemm xi hadd jerfa' responsabbilta' mill-Amministrazzjoni tal-Ufficcju. Dan ghandu jghin ukoll biex il-Kunsill ikun iktar flessibli u iktar up to date max-xogholijiet amministrattivi konnessi mar-rahal u l-ufficcju. Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsill li hi xorta ha tibqa' tiehu hsieb l-*Accounts,* l-laqghat tal-Kunsill u tara l-emails fl-assenza taghha mill-Ufficcju waqt il-*Pregnancy Leave.*Din it-talba giet milqugha minn kulhadd.
- Li kien hemm problema bil-lezzjojnijiet tal-*Aerobics* imma hu rrangalhom biex juzaw il-basement tal-iskola.
- Li z-zumba ha tibda f'Jannar u ghandha tintalab donazzjoni sabiex isir tajjeb ghall-ispejjez li saru.
- Talab li l-attivitajiet tal-anzjani regghu lura ghan-normal, li dawn jkunu organizzati mill-Kunsill, li darba fis-sena issirilhom ikla u li *bookings* ma' jittiehdux iktar mit-Tnejn ta' dik il-gimgha li ssir l-attivita'. Is-Sur Spiteri qal li ghandu jigi stabbilit li t-trasport ha jibqa' sa' zewg coaches u mhux minibus ukoll kif qal tajjeb is-Sur Zammit. Kulhadd qabel bl-eccezzjoni tas-Sur Borg li oggezzjona ghal zewg coaches u qal li b'dak li qed jigi deciz kollox gie bhal qabel u l-Kunsill mhu ha jiffranka xejn.
- Li iltaqa' mas-sid ta' fejn bhalissa hemm l-HSBC u li dan lest ibieghu ghall-prezz ta' €764000 liema prezz hu negozzjabbli. Is-Sur Cordina qal li min irid jista' jigi jara l-binja filwaqt li s-Sur Borg talab pjanta tas-sit in kwestjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ha tlesti Rizoluzzjoni sal-laqgha tal-Kunsill li jmiss u li din trid isir minhabba li l-Kunsill ha jiehu self ta' flus fuq il-binja filwaqt li l-Accountants tal-Kunsill jevalwaw l-ispiza finanzjarja.

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Zied li filwaqt li jaqbel hafna li ghandha ssir Librerija Pubblika, din ghandha ssir f'post iehor iktar adattat sabiex ma jitnaqqarx mill-*area* ta' Gnien il-Palma
- Li meta taghmel hafna xita l-akkumulazzjoni tal-ilma jigi manigjat ahjar u kemm jista' jkun ma jinheliex.
- Li hemm htiega ta' parkeggi bizzejjed specjalment fil-qalba tar-rahal, biex ikunu eliminati perikli minhabba wisq karozzi fl-abitat
- Htiega ta' mizuri biex vetturi, specjalment dawk goffi ma jghaddux jigru b'certa velocita' eccessiva qalb il-bini, partikularmewt fit-toroq imsemmija: Triq Hal Warda, Triq il-Linja, Triq il-Mosta, Triq Victor Vassallo, Triq Santa Katerina u Triq il-Pitkali.
- Jingibed l-attenzjoni biex fejn hemm lok li jinfetju aktar spazji pubblici, u fjen hemm ma jibdewx jitnaqqru b'xi kostruzzjonji.

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Talab li tintbaghat ittra lil Dr.Joe Cassar rigward l-uzu tla-klinika.
- Li jkun hemm fil-bring-in site bin is-sena kollha ghall-hwejjeg. Is-Sur Cassar ghandju jiccekkja ma Re-fab.
- Li jsiru iktar imsagar fi spazji pubblici bhal dak li nfetah recenti mill-Onorevoli George Pullicino f' Ghajn Tuffieha. Is-Sur Spiteri qal li tista' tintbghat ittra lill-Malta Industrial Parks sabiex jitwessa dik l-area fejn hemm is-sigar u jsir Masgar fuq barra. Hekk tinqata' l-area industrijali mill-abitat ukoll.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Propona li fejn mietu l-Palm jigu mizrugha sigar ohrajn..
- Jsir xi tahwil ta’ sigar ohra fi Gnien Hal Warda
- Jigu midura u jsir tahwil iehor f’Gardina Ta’ Fgieni. Is-Sur Cordina qal li qabel ma jsir dan ha jiddiskuti mal-Perit kif jista jitjieb il-parkegg fl-area ghax jista’ jkun li jkollha tintmiss il-gardina.
- Saqsa f’hiex waslet il-kawza tal-barriera.
- Talab biex jiltaqa’ mas-Sur Said fuq ir-rapport tal-akwadott.
- Li jitwahhlu karti tar-Reserved ghas-Sibt meta jkun hemm il-gbir ta’ hwejjeg ghar-riciklagg.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Qal li mir-rapport rrizulta li l-*speed camera* ta’ H’Attard hi l-iktar wahda kattiva.
- Li iltaqa’ flimkien mas-Sindku mal-ghaqdiet rigwardanti l-gemellagg ma’ Elancourt u li hafna minnhom kienu vera nteressati.
- Propona li jsir kuntatt ma’ Joseph Calleja ghal Gieh H’Attard li jmiss. Li dan jinghata onoreficenza filwaqt li jtellalna programm qasir ghall-okkazjoni.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Li jsir kuntatt mas-Sur Ruggier rigward dar fi Triq il-Mosta li mhix f’kundizzjoni tajba u qed tkerrah l-estetika. Is-Sur Cordina qal li ghandhom ukoll jissewmmew il-garaxxijiet ta’ Triq il-Linja u Mosta.
- Fakkar biex jinzerghu is-sigar neqsin wara l-Bring-in site fi Gnien il-Palma.

## 7. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.00pm għad-19 ta’ Dicembru fis-6pm.

________________________ Sindku

____________________ Data